Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 11 ta' Lulju 2024**

**Kump. Nru. 224/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**

**Versus**

**Johan Pace**
**(011077M)**

**Omissis**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Johan Pace** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 011077M u kif ukoll lil **Omissis.**

Akkuzati talli nhar it-13 ta' Mejju 2017 ghall-habta tas-sebgha u kwart ta' filghaxija:

1. Minn gewwa residenza bin-numru 175 li tinsab sitwata gewwa Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, ikkommettew serq ta' flus kontanti kif ukoll oggetti ohra ghad-dannu tas-sidien tal-imsemmija residenza cioe' Carmel Camilleri, Jesmond Portelli u /jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi s-somma ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) kif ukoll bil-mezz u bil-lok;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix mitejn u hamsin Ewro (€250) izda tiskorri tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) u dan ghad-dannu ta' Carmel Camilleri, Jesmond Portelli u /jew persuni ohra;

U lil Johan Pace wahdu talli:

3. Fl-istess data u lok u cirkostanzi kiser il-liberta' provizorja billi naqas milli jhares kundizzjoni li giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A Demicoli, LL.D. fid-digriet taghha datat 11 ta' Mejju, 2016 li bih l-akkuzat kellu ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill-arrest.

Il-Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija tqis lill-imputati bhala li saru recedivi ai termini tal-Artikli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li kienu misjuba hatja ta' diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju 2018 mill-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi.

Rat l-Artikoli pprezentati fit-30 ta' Settembru 2019, (esebiti *a fol.* 395 ta' l-atti processwali) fejn l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

1. Fl-artikoli 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2) u 281 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 7, 8, 11, 14, 17, 20, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-31 t'Ottubru 2019, l-imputat wiegeb li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat u semghat ix-xhieda.

Rat in-Nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' persuni li Nqabdu bid-Droga datata 9 ta' Jannar 2023.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi xehed Carmel Camilleri[1] li qal illi kien is-Sibt 13 ta' Mejju 2017, fejn hu kien sejjer lura d-dar li tinsab 175, Zerafa Street, fejn sab xi nies li qalulu li dahlulu u ra l-bieb ta' magenbu bin-numru 177 kien sgassat. X'hin dahal id-dar sab kollox mqalleb fil-kmamar tas-sodda u fil-pranzu u l-main mitfi. Ix-xhud qal illi hu kien ihalli l-main mixghul peress illi hu kellu camera li tirrekordja. Hu ma kienx jaf ihaddimha, izda tah lil Pulizija li raw il-video. Sab il-bieb tal-bitha li jaghti ghal kantina mkissra, ghax min dahal qabez mill-bitha tad-dar ta' magenbu u sgassawlu l-bieb. Ix-xhud kompla jghid illi s-sellum tieghu li kien fil-kantina, instab fil-bitha ghax uzawh biex jergghu johorgu minn hemm ghal ghand ta' magenbu. Mill-kamra tal-pranzu sab nieqes il-bott b'€1000, crieket u d-deheb nieqsin. Kellu gizirana ta' huh, u ohra li tiswa €500, skond il-lista mmarkata Dok CC1[2] li kienu rritornawlu l-Pulizija. Fil-kontro ezami x-xhud qal illi ma kienx jaf lill-imputat. Ikkonferma illi kien hemm bar ta' Club tal-hammiem fi Triq il-Marsa, fejn kien imur xi sena u nofs qabel, meta l-bar kien ghadu ta' habib tieghu. Il-gar ta' magenbu kien ilu li telaq mill-post xi hmistax. Ikkonferma li d-deheb u l-flus gew rritornati lilu mill-Pulizija dakinhar filghaxija. Ix-xhud ikkonferma illi kellu hsara fil-bieb tal-bitha, purtieri mqattghin u vazuni mkissrin. Hu kien irranga l-hsara u kien ghenu habib tieghu, ghalhekk il-hsara ma kinitx telghet, u kien nefaq xi €200. L-affarijiet l-ohra kienu antiki u prezzjuzi ta' ommu imma ma jafx kemm jiswew.

Illi fit-8 ta' Gunju 2017, xehed Joseph Mallia li kien ezamina z-zarbun tal-marka Adidas li gie mghoddi lilu mill-iSpettur, fejn qal illi fil-qiegh kellu hsara ikkagunati b'uzu li ghalhekk kienu jaghmlu marki karatteristici. Hu ma setax jaghmel ezami komparattiv ghax ma kienx ghadu ha l-impronti jew gie mghoddi l-lifters. Ipprezenta z-zarbun u r-rapport tar-ritratti digitali mmarkati bhala Dok JM1 u JM2.

[1] A fol. 33 sa 47 tal-atti processwali
[2] A fol. 48 tal-atti processwali

Illi xehed Donald Tabone fejn qal illi hu kien analizza CCTV footage tar-residenza 175, Triq Stiefnu, Marsa u hareg stills ta' persuni li dehru fil-hin tal-incident izda f'xi hin is-sistema intfiet. Ix-xhud qal li ma kienux instabu aktar cameras fil-vicinanzi. Ix-xhud ipprezenta rapport immarkat bhala Dok DT1. Fid-19 t'Ottubru 2017 rega' xehed Donald Tabone[3] fejn ipprezenta aggornament tar-rapport mmarkat bhala DT2[4] ghax kien hareg stills mill-filmati tad-DVR li kien ha mis-sistema tac-CCTV u ma kienx ziedhom fir-rapport.

Illi xehed PC 948 Christian Gauci[5] fejn qal illi fit-13 ta' Mejju 2017 ghal-habta tas-7.15pm ircevew telefonata fl-ghassa tal-Hamrun illi kien hemm zewg persuni jisgassaw bieb fin-numru 177, Triq San Stiefnu, Marsa. Hu mar ma' PC 751 fuq il-post fejn raw zewg persuni li hargu jigru, l-ewwel hareg Ibrahim Hafes Eldigwi u li warajh hareg l-imputat li gharaf fl-awla, u gibed il-bieb warajh li nstabat u rega' infetah. Hu kien liebes qalziet abjad, slipper skur, beritta, zewg faxex kulur il-gilda fuq idejh, li wara induna li tahthom kellu tattoos u flokk blue nofs komma bil-hood. Kif raw il-Pulizija ghollew il-hood u bdew jigru. Johan beda jzomm sidru u waqa' mal-art u rema' sett ingwanti li qeghdin fl-envelope u li hu kien ghadda lill-iSpettur. It-tnejn gew arrestati u ttiehdu l-ghassa tal-Hamrun. Ir-residenza fejn sehhet is-serqa bin-numru 175 hija magenb ir-residenza bin-numru 177, minn fejn hargu dawn iz-zewg persuni li gharaf li kienu l-persuni li jidhru fir-ritratti f'pagna 11, 12 u 13 ta' Dok DT1[6]. Fil-kontro ezami x-xhud ikkonferma li l-imputat qatt ma bidel il-hwejjeg u z-zarbun kien skur bil-blu. B'referenza ghaz-zarbun li jidher fir-ritratti mmarkati F3 u F4 f'Dok GM1[7] ikkonferma li huwa l-istess zarbun. Ix-xhud ipprezenta ingwanti li gew mmarkati Dok CG1.

Illi xehed PC 751 Christian Mercieca, fejn qal illi fit-13 ta' Mejju 2017, dahlet telefonata l-ghassa li kien hemm zewg persuni li dahlu f'residenza fi Triq Stiefnu Zerafa, Marsa u hu mar ma' PC948 fuq il-post. Meta waslu vicin in-numru 177, faccata tal-bieb min-naha opposta tat-triq, raw zewg persuni, El Degwy li kellu baskett orangjo f'idu u warajh Johan Pace li gharaf fl-awla bhala l-imputat. Pace kien liebes flokk blu nofs komma, beritta sewda, faxex fuq idejh u shorts abjad u kellu par ingwanti suwed

---

[3] A fol. 169 tal-atti processwali
[4] A fol. 171 tal-atti processwali
[5] A fol. 98 tal-atti processwali
[6] A fol. 90, 91 u 92 tal-atti processwali
[7] A fol. 67 u 68 tal-atti processwali

f'idejh. Kif rawhom bdew jghattu wicchom u qabdu jigru, u hu gera wara El Degwy u l-kollega tieghu gera wara Pace, fejn irnexxielhom iwaqqfuhom u jarrestawhom. El Degwy kellu l-baskett orangjo li kien qieghed jigi ezebit u mmarkat bhala Dok CM1, li kien fih turnavit u lieva. Kellu wkoll par kalzetti f'idu, li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok CM2. Kellu wkoll xi affarijiet tad-deheb. Ix-xhud kompla jghid li lil Johan Pace rah l-ghassa tal-Hamrun fejn innota li meta neza l-faxex kellu t-tpingija fuq idejh. Fil-kontro ezami ix-xhud ikkonferma li lill-imputat u lill-persuna l-ohra rahom hergin wara xulxin mill-fond 177. Ix-xhud pprezenta turnavit u lieva li gew mmarkati bhala Dok CM1 u kalzetti li gew immarkati bhala Dok CM2.

Illi fit-8 ta' Gunju 2017, il-Prosekuzzjoni talbet il-hatra ta' espert tad-DNA sabiex jeleva kampjun mill-imputat u jaghmel ezami komparattiv ma' DNA fuq l-ingwanti, fejn il-Qorti hatret lil Dr. Marisa Cassar. Dr Cassar ipprezentat ir-rapport taghha fil-25 ta' Lulju 2017, li gie mmarkat bhala Dok MC1[8] fejn qalet li mill-analizi li ghamlet, il-profil genetiku ta' l-ingwanti jaqbel ma' dawk ta' Johan Pace. Fil-21 ta' Gunju 2018 regghat xehdet Dr Marisa Cassar li b'referenza ghad-dokument MC1[9] talbet korrezzjoni fil-kunjom ghax flok Pace kitbet Fenech.

Illi fil-15 ta' Gunju 2019 xehed PS 267 Anthony Cassar[10] fejn qal li fit-13 ta' Mejju 2017 kien gie infurmat li kien hemm sgass il-Marsa u kien baghat zewg Pulizija li kienu qabdu lil Johan Pace u El Degwy u haduhom l-ghassa. Hu kien ha l-mobile ta' Johan Pace, li gharaf fl-awla, u tah ircevuta mmarkata bhala Dok AC1. Johan kien liebes flokk blu u shorts abjad u kellu l-faxex ma' jdejh li jintlibsu mill-minkeb sal-polz. Hu u Surgent iehor kienu ghamlu search fuqhom fejn f'basket orangjo li kien fuq El Degwy sabu xi affarijiet li ghamlu inventarju taghhom. Ix-xhud ikkonferma r-rapport tal-okkorenza ezebit *a fol.* 20 mmarkat bhala Dok EM5.

Illi Mario Mintoff xehed fejn qal illi kien gie mahtur biex jiehu ritratti tal-figura, zarbun, saqajn u jdejn ta' Johan Pace li gharaf fl-awla, li kienu ittiehdu barra l-awla, li gew ipprezentati u mmarkati bhala Dok MM1[11].

---

[8] A fol. 152 tal-atti processwali
[9] A fol. 152 sa 155 tal-atti processwali
[10] A fol. 112 tal-atti processwali
[11] A fol. 118 tal-atti processwali

Illi xehed Ibrahim Hafes El Degwy fejn qal illi wara li kien gie arrestat il-Marsa kien ammetta u kien qieghed jservi piena ta' prigunerija. Dakinhar kien hemm persuna jismu James fejn qallu li kien hemm xih, xiha u tifla li kienu jmorru Bugibba kull nhar ta' Sibt, u hajru biex jidhlilhom. Dak iz-zmien kellu l-mara bil-*cancer* u kien ilu ma jahdem u thajjar. Hu u James marru fid-dar ta' magenb id-dar fejn riedu jidhlu, sgassawh b'daqqa ta' spalla u qabzu fil-bitha tal-post. Fethu l-bieb u telghu fuq, fejn qalbu kull m'hemm. Damu xi tliet kwarti u sabu d-deheb u l-flus u hu telaq qabel James ghax James ma riedx jitlaq. X'hin kien hiereg ra lill-Pulizija u pprova jaghti wiccu, u beda jigri u ra persuna ohra tigri li waqa' ma' l-art, li kien Johan Pace. James hareg trankwill ghax il-Pulizija zammew lilu u lil Johan. Meta kien il-habs kien iggieled ma' Johan u kien qasamlu rasu u m'ghamillux rapport ghax kellu t-tfal, imma kieku kien mieghu dakinhar kien jikxfu. Gie muri r-ritratti mmarkati Dok DT1 fejn qal illi gharaf lil James bl-istess hwejjeg li kien liebes. Hu ra lil Johan l-ghassa meta gew arrestati, li kien liebes flokk griz u shorts bajdani bid-disinn li kkonferma kienu l-istess hwejjeg li kellu Johan meta gie arrestat u kif jidher fir-ritratti mmarkati MM1.

Illi fil-25 ta' Lulju 2017, xehed PC 1588 Joseph Borg Bonaci fejn qal li fit-13 ta' Mejju 2017 waqt illi kien stazzjonat mal-RIU, l-control room infurmathom b'serqa gewwa Zerafa Street, Marsa. X'hin waslu fuq il-post sabu zewg Pulizija stazzjonati l-Hamrun ma' zewg persuni immanettjati u assistewhom biex haduhom l-ghassa. Wiehed kien barrani li kien liebes jeans u flokk abjad, u l-iehor li kien fih tifel, ikkonferma li kien l-akkuzat, kien libes flokk celesti u qalziet.

Illi PC 1469 Emerson Borg xehed illi fit-13 ta' Mejju 2017 ircieva zewg telefonati anomini fl-ghassa tal-Hamrun b'lehen maskili, li nfurmah illi xi persuni kienu dahlu go dar fi Triq Stiefnu Zerafa, Marsa. Hu nforma lill-Pulizija li marru fuq il-post u arrestaw lil zewg persuni, fejn gharaf wiehed minnhom fl-awla u persuna ohra El Degwy. L-ghada mar u evalwa l-filmat minghand il-vittma, fejn irrizulta li l-ewwel imputat kien liebes flokk blu u shorts griz bil-faxex, li faqa' l-bieb bil-minkeb u tela' 'l fuq u rega' mar ftit wara mal-persuna El Degwy.

Illi fid-19 t' Ottubru 2017 PC 661 Christian Grech xehed illi fit-13 ta' Mejju 2017 kienu gew infurmati mill-*control room* li kien hemm sgass il-Marsa. Hu mar mal-kollega fejn sabu hafna nies li qalulhom li kien hemm zewg Pulizija jigru wara zewg persuni u sabuhom li kienu gja arrestawhom.

Wiehed mill-persuni kien Malti u kien mibrum, li gharaf fl-awla bhala l-imputat, u dan kien liebes shorts abjad u flokk blu u kellu l-faxex ma' dirghajh. Il-persuna l-ohra barranija kien liebes jeans u flokk iswed u kien hemm baskett orangjo fejn kienu waqfu. Hu u l-kollega tieghu assistew il-Pulizija biex haduhom l-ghassa.

Illi fit-30 ta' Novembru 2017, xehed PS 813 Clinton Vella fejn qal illi l-iSpettur kien qallu biex jmur fil-fond wara li kienet saret serqa. Kienu hadu ritratti u gew elevati impronti digitali miz-zewg fondi magenb xulxin, peress illi x'aktarx kienu dahlu ghal fond 175 mill-fond 177. Wara marru l-ghassa tal-Hamrun u hadu r-ritratti ta' l-oggetti fosthom gojjelli u flus kontanti. Ix-xhud ipprezenta r-rapport b'91 ritratt immarkat Dok CV1.

Illi fit-22 ta' Frar 2018 xehed l-iSpettur Elliot Magro, fejn qal li fit-13 ta' Mejju 2017, persuna anonima cemplet l-ghassa li kien hemm zewg persuni qeghdin jipprovaw jidhlu f'residenza numru 177 biex jisirqu. PC948 u PC751 marru fuq il-post fejn innota zewg persuni hergin mir-residenza 177 fi Triq Stiefnu Zerafa, Marsa. Wiehed kien qasir u ohxon u liebes flok blu bil-hood, shorts abjad u kellu faxex ma' jdejh u l-iehor kien twil u rqiq. Il-Pulizija grew warajhom fejn wiehed minnhom rema' ingwanti u par kalzetti, u li wara l-persuni gew arrestati u l-oggetti gew elevati mill-Pulizija. Ix-xhud ezebixxa Dok EM1 sa EM6 fejn kompla jghid illi l-persuna t-twila irrizulta li kien Ibrahim El Degwy li kellu baskett orangjo b'diversi oggetti fosthom €1040, LM44 u affarijiet tad-deheb u l-qasir kien Johan Pace. El Degwy mill-ewwel ammetta illi l-affarijiet kien seraqhom hu mir-residenza. Dawn l-oggetti gew fotografati fl-ghassa minn PC813 u x-xhud kien informa lis-SOCO biex imorru fuq il-post biex jiehdu fingerprints u shoe prints. Mill-investigazzjoni rrizulta li dawn iz-zewg persuni dahlu mir-residenza 177 fi Triq Stiefnu Zerafa wara li sgassaw il-bieb u qabzu c-cint ghal gol-bitha tar-residenza 175. Minn hemm sgassaw il-bieb tal-kantina u kisbu l-access. Carmel Camilleri s-sid tar-residenza, qal illi waqt illi kien barra mal-familja gie nfurmat mill-Pulizija biex jmur id-dar ghax x'aktarx kienu serquh. Meta iccekkja sab xi oggetti neqsin, li kkonferma li kienu l-istess oggetti li gie muri l-ghassa li nstabu fuq El Degwy. Camilleri spjega li kellu CCTV camera mal-bieb fejn dehru l-persuni dehlin fir-residenza 177, izda ma dehrux hergin peress illi kienu qatghu d-dawl. L-ghada x-xhud tkellem ma' Johan Pace li gharaf fl-awla bhala l-imputat, li kien liebes flokk griz u kellu tpingija ma' jdejh, fejn dan irrinunzja ghad-dritt li jkellem avukat. Hu qal illi dak il-hin kien

qieghed jippassigga minn hemm, u hin minnhom x'hin ra lil El Degwy jigri warajh, harab jigri ghax kellhom argument meta kienu l-habs. El Degwy mill-ewwel ammetta l-involviment tieghu u li kien seraq l-oggetti li kienu fil-pussess tieghu, u qal illi mieghu kien hemm persuna jismu James li kien hajru biex jmorru jisirqu. Skont hu Johan Pace ma kienx involut, ghalkemm kien jafu meta kellhom argument il-habs. Hu resaqhom bl-arrest fejn saret talba sabiex Johan Pace jigi ffotografat fil-Qorti minn Espert peress illi l-Pulizija indikaw li kien libes flokk blu, u meta deher il-Qorti kien libes flokk griz. Kien inhatar ukoll Joseph Mallia biex jiehu ritratti taz-zarbun li kien libes Johan Pace biex isir ezami komparattiv mal-marki li setghu jinstabu fil-fond. Hu talab ukoll filmati tac-CCTV tal-common area tal-lock up, li kien qed jigu pprezentati u mmarkati bhala Dok EM1. Ix-xhud kompla jghid illi fil-filmat fit-13 ta' Mejju 2017 fid-9.08pm, Johan Pace jidher skortat bil-flokk, hoodie blu u shorts abjad, u wara li hareg mill-kamra fejn saritlu search deher li hareg libes flokk griz li kien taht il-flokk blu u jidher bil-flokk blu f'idejh. Fis-17 ta' Mejju 2017 fis-1.05pm, Johan Pace jidher skortat mill-Pulizija biex jitressaq il-Qorti bil-flokk blu f'idejh. Ix-xhud pprezenta ukoll sett ta' 11-il ritratt mehudin mill-istess filmat Dok EM2, u rcevuta ffirmata minn Johan Pace datata 15 ta' Mejju 2017, meta ttiehed iz-zarbun sabiex jigi mghoddi lill-espert Dok EM3, u Dok EM4 meta z-zarbun inghata lil Joseph Mallia. Ix-xhud esebixxa wkoll digriet u kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest datati 11 ta' Mejju 2016 mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli mmarkat Dok EM5, u sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 7 ta' Marzu 2012 mmarkata Dok EM6. Ix-xhud esebixxa ukoll l-istqarrija mmarkata Dok EM7.

Illi fl-10 ta' Mejju 2018 xehed Jesmond Portelli, fejn qal illi kellu proprjeta' li tinsab 177, Triq Zerafa, Marsa u xi sena qabel kienu ikkuntattjawh il-Pulizija u qalulu illi sabu l-bieb miftuh. Dak iz-zmien il-post kien ghadu taht construction u meta mar fuq il-post sab il-bieb sgassat, u s-sellum li kien halla fl-intrata kien mal-bitha li taghti ghad-dar l-ohra. Hu kien halla l-bieb maghluq bic-cavetta.

Illi xehdet PS 991 Alexandra Gauci fejn qalet illi fit 13 ta' Mejju 2017 x'hin dahlet ghax-xoghol fit-8.00pm, inghatat handover minn PS 267 li kienet sehhet serqa minn residenza numru 175, Zerafa Street, Marsa. Kienu gew arrestati Johan Pace li gharfet fl-awla u Ibrahim, li kienu qeghdin fl-ghassa tal-Hamrun. Dawn gew skortati ghal lock-up, u qabel nizlu Johan kien liebes flokk, hoodie bi stripes u shorts u faxex ma' dirghajh. Hi kienet

emendat ir-rapport billi ziedet l-oggetti li kienu nstabu u li kienu tnizzlu minn PS 267. Wara li gew fotografati l-oggetti, nghataw lura lill-vittma li ffirma rcevuta.

Illi xehed l-iSpettur Arthur Mercieca fejn ikkonferma Dok EM5 u l-bail conditions li nghataw mill-Magistrat Audrey Demicoli fil-11 ta' Mejju 2016, fil-konfront ta' Johan Pace li gharaf fl-awla bhala l-imputat. Dawn il-kundizzjonjiet kienu ghadhom in vigore fit-13 ta' Mejju 2017.

Illi fis-26 ta' Lulju 2018 xehed il-Probation Officer Glenn Grixti fejn qal li Johan Pace baqa' jattendi b'mod regolari ghal appuntamenti u kellu attitudni tajba. Ittiehdu tliet kampjuni ta' l-urina li rrizultaw pozittivi ghal cannabis, u darba kien pozittiv ghal kokaina, izda din kienet xi haga ta' darba ghax fil-kampjun li ttiehed ftit granet wara rrizulta negattiv. Ix-xhud kompla jghid li l-imputat kellu appuntament mal-Psikjatra fejn sabitu f'kundizzjoni mentali ferm ahjar minn qabel, deher kalm u anqas anzjuz u kellu appuntament iehor il-gimgha d-diehla.

Illi Joe Mallia xehed fejn qal illi fl-10 ta' Mejju 2018 kien gie awtorizzat biex jiehu l-impronti digitali ta' Johan Pace u jirtirhom, flimkien ma' rapport mhejji mis-scene of crime officers 813 Clinton Vella u PC 1331 Darren Debattista Dok CV1, biex jaghmel ezami komparattiv taz-zewg impronti ma' dawk ta' Johan Pace. L-impronti ma kienux tajbin ghal fini ta' komparazzjoni u ma setax isir ezami komparattiv. Hu kien qieghed jirritorna d-dokumenti li kien irtira u r-rapport immarkat Dok JMY.

Illi xehed Mark Vassallo li kien gie inkarigat mill-Qorti sabiex jaghmel valutazzjoni ta' l-oggetti misruqin u hu kien mar ghand Carmelo Camilleri u wriehom l-affarijiet u ghamel il-valutazzjoni bir-ritratti u pprezenta Dok MV u MV 1, fejn qal li l-ammont jeccedi €2329.37. Fil-kontro ezami qal illi d-data tal-prezz ta' deheb illi uza kien tas-16 ta' Ottubru 2018, u meta mar fl-indirizz li kienet taghtu l-Qorti kien hemm hu u l-persuna li gie misruq. Johan Pace ma kienx prezenti. Hu ma kienx ra r-ritratti li kienu hadu il-forensika.

Illi xehed l-iSpettur Frans Micallef fejn qal illi fl-24 ta' Jannar 2019 meta gie muri Dok EM6 spjega illi din kienet sentenza tal-Appell kontra Johan Pace fejn hu kien l-ufficjal prosekuttur flimkien ma' Geoffrey Gulia.

Illi xehdet ukoll Stefania Calafato Testa li kkonfermat li l-kawza odjerna hija l-unika kawza li ghadha pendenti fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-30 ta' Marzu 2021 saret talba mid-difiza taht l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-Qorti tikkonverti ghal Qorti tad-Droga, u l-Qorti semghet lil Dr. Kevin Sammut Heywood li pprezenta rapport mmarkat bhala Dok KSH1 u lil Charles Mizzi mir-Rise Foundation. Wara li semghat dawn ix-xhieda u s-sottomissjonijiet tal-partijiet rigward din it-talba, il-Qorti laqghet it-talba u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga permezz ta' digriet datat 21 ta' Lulju 2021.

Illi rat in-nota tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' persuni li Nqabdu bid-Droga datata 9 ta' Jannar 2023, fejn il-bord informa lill-Qorti li l-bord kien sodisfatt bil-process ta' rijabilitazzjoni tal-klijent u kien qieghed jikkonsidra il-kaz bhala maghluq b'success.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi mressqa jidher car illi l-imputat kien il-persuna li jidher fil-filmat li kien dahal fil-fond mertu tal-kawza odjerna sabiex jikkommetti s-serq tal-flus kontanti kif ukoll xi affarijiet tad-deheb, liema serq kien aggravat bil-valur, bil-mezz u bil-lok, fejn il-Pulizija gharfu lill-imputat bhala wiehed mill-persuni li deher hiereg mill-istess fond, u li kienu arrestawh wara li dan harab jigri. Id-DNA test li sar fuq l-ingwanti li l-Pulizija kienu raw lill-imputat jarmi, kien qabel ma' dak tal-imputat. In oltre meta l-imputat kien arrestat deher diehel f'kamra liebes flokk blu u hiereg liebes flokk griz, bil-flokk blu fuq spalltu fic-CCTV tal-lock up. Xehdu diversi Pulizija fejn qalu li l-imputat kien liebes xi faxex biex jghatti t-tpingija. L-affarijiet li gew misruqa mill-imputat u Omissis gew irritornati lil Carmelo Camilleri mill-Pulizija, stante li nstabu f'basket orangjo li kien f'idejn Omissis.

Illi wara li rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali, ix-xhieda u l-provi kollha mressqa quddiema, il-Qorti hija konvinta illi l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront ta' l-imputat gew ippruvati sal-grad rikjest mil-Ligi.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi l-Qorti taghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet **'Pulizija vs Christopher Schembri'**[12] fejn intqal illi;

*"Illi fuq dan l-ahhar punt referenza qieghda ssir ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Enrica Farrugia deciza fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena 2022 fejn jinghad hekk:*

*"Illi l-iskop principali tal-Att numru 1 tas-sena 2015 kien:*

> *"L-iskop ta' din il-ligi hu li dawk il-persuni li se jkunu jridu jinghataw cans iehor mis-socjetà, se jinghataw cans iehor. Anke l-isem ta' dan l-Abbozz "Trattament mhux Prigunerija" jindika dan." [Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, 9.12.2014]*

*Fil-Parlament, l-Onorevoli Ministru Dr. Owen Bonnici kien spjega b'referenza ghal din il-ligi:*

*"Issa se mmorru lil hinn mill-pussess semplici u se naqbdu l-pussess aggravat. Issa ghandna cirkostanza fejn dak li jkun mhux qed juza d-droga ghalih imma ghandu ammont ta' drogi li għhalkemm ma giex ipprovat li kien qed jittraffika, huwa ovvju li mhux se jehodhom kollha hu. … Dawn ghandhom il-vizzju u jixtru l-ammonti biex ibighuhom huma wkoll. Hemm minnhom li jigu mressqa fuq traffikar u hemm minnhom li jigu mressqa fuq pussess aggravat. Qabel kienet li dawn iridu jmorru l-habs bilfors b'minimu ta' sitt xhur prigunerija. Jista' hareg mill-vizzju, jista' qed jghallem il-Caritas u jista' jkun qed jaghmel xoghol enormi fis-socjetà, ghax dak irid imur il-habs bilfors. Ahna qed nghidu li f'dik ic-cirkostanza rridu naghtu opportunità lil din il-persuna li jekk il-persuna trid turi li nbidlet u jekk il-bord li semmejna qabel jaqbel li ghandha l-intenzjoni li tohrog mill-vizzju, allura l-qorti tinbidel f'qorti tad-drogi, tibdel il-kompetenza taghha, tghajjat il-kawzi kollha li ghandha l-persuna, jigifieri jekk din ghandha kawza ohra ta' serq - għax dawn hafna drabi jkollhom kawzi oħrajn – taghtiha sentenza wahda li mhux bilfors tkun habs. Eliminajna xi kazijiet li ma jistghux jinghajtu bhal, perezempju, vjolenza fuq il-persuna. Jekk dan dahal u sawwat anzjana, dak ma jistax igawdi minn din imma bhala regola, tajna l-possibbiltà li jekk dan irid jibdel triqtu u l-bord jikkonferma li dan hareġ mill-vizzju, il-qorti tista' ma timponilux habs. Qed naghtu opportunità lill-qorti li ma jkunx hemm piena ta' habs bilfors." [Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, 9.12.2014]*

[12] Deciza 17 ta' Gunju 2024, Qorti tal-Magistrati per Onor. Dr Claire L. Stafrace Zammit, Kump Nru 401/2013

*Quddiem il-Kumitat Permanenti ghall-kunsiderazzjoni t'abbozz tal-ligi, nghad ukoll:*

*"…il-Qorti tittrasforma ruhha f'Qorti dwar id-Droga. Dak ma jfissirx li l-akkuzat ma jehilx il-habs, però tfisser li l-qorti jkollha dritt tibaghtu quddiem il-Bord biex dan jipprova lis-socjetà li lest johrog mill-vizzju. Jekk dan l-individwu attwalment johrog mill-vizzju wara li l-Bord jghid li effettivament hareg, dan l-akkuzat jerga' jigi quddiem il-Qorti u l-Qorti tkun tista' jew tibaghtu l-habs jew taghtih piena li mhux bilfors il-habs, tara hi. Mela din mhijiex get out of jail card free, assolutament, però qed naghtu iktar opportunità lill-Qorti tara hi fic-cirkostanzi jekk tibaghtux il-habs jew le wara li jigru dawn l-affarijiet kollha li semmejt. Irrid nghid ukoll li jekk dan l-individwu ghandu reati ohrajn li mhumiex marbutin mal-vjolenza - hemm indikati liema huma, jigifieri jekk dan ta xi xebgha lil xi anzjana, jew dahhal id-droga l-habs, jew biegh id-droga f'Paceville ma jikkwalifikax - dawk ir-reati jistghu jigu attirati quddiem din il-qorti u taghti sentenza wahda li ma tkunx bilfors ta' habs. Il-qorti tara hi jekk tibaghtux il-habs jew le. Nahseb dan huwa l-qofol tal-abbozz kollu kemm hu."* *[Kumitati permanenti ghall-kunsiderazzjoni ta' abbozzi ta' liġi, 2.2.2015]*

*Illi dawn il-brani juru bic-car li l-iskop tal-Kap. 537 kien dak li tinghata d-diskrezzjoni lill-Qorti li ma tapplikax terminu ta' prigunerija mandatorju f'kaz li persuna tigi referuta quddiem il-Bord u jtemm il-pjan ta' kura b'success. Il-ligi ma kinitx intiza sabiex f'dan ir-rigward taghmel differenza dwar jekk persuna jkollux kaz wiehed pendenti jew iktar minn wiehed li jigu kollha mghajjta quddiem dik il-Qorti li tkun assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga. Il-ligi tipprovdi ghal cirkostanzi fejn persuna ma jkollha izjed minn kaz wiehed, ghaliex persuna li jkollu l-vizzju tad-droga jista' jikkommetti numru ta' reati ohra sabiex imantni l-istess vizzju bhal serq. Madanakollu, definittivament ma kienx l-iskop tal-ligi li jikkastiga persuna li ma jkolliex kazijiet ohra b'tali mod li jeskludi l-applikazzjoni tas-subartikolu 8(7) tal-Kap. 537 ghal-kaz taghha, bil-Qorti tkun kostretta li tapplika l-piena ta' prigunerija mandatorja minkejja li l-istess persuna jkun hareg mill-vizzju tad-droga."*

*Illi tenut kont tal-kuntest tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll is-sitwazzjoni tal-imputat fil-kaz odjern, din il-Qorti thoss li piena karcerarja ma hiex wahda li taghmel gid ghar-riforma li l-istess imputat qieghed jipprova jikseb. Ghalhekk dan il-hsieb mhux biss qieghda tigi abbracata minn din il-Qorti izda sejra anke tigi riflessa fil-piena."*

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikoli 7, 31, 49, 50, 261(b)(c)(e), 263, 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 278(3), 279(b), 280(1)(2), 281(a), 289, 325(1)(c) u 579(1)(2)(3), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lill-**imputat Johan Pace hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih** u **b'applikazzjoni tal-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta qed tqieghed lill-hati Johan Pace taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum ai termini ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lill-hati **Johan Pace** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation moghtija b'Digriet tal-lum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** millum.

In oltre ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti **qed tordna lill-hati Johan Pace sabiex ihallas is-somma t'elfejn tmien mija u sebgha u erbghin Euro u tnejn u tletin centezmu (€ 2,847.32)** rapprezentanti spejjez peritali naxxenti mill-kawza odjerna.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'ghandux jittiehed in konsiderazzjoni ghall-finijiet tal-hrug ta' Certifkat tal-Kondotta skont l-Ordinanza dwar ic-Certifikati tal-Kondotta, u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) ghal Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**